# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imhallef Dr. Antonio Mizzi LL.D., Mag. Juris (Eu Law)**

**Appell Numru: 323/2016**

Il-Pulizija

(Spettur Ramon Mercieca)

vs

**Reuben Buttigieg**

iben Carmel, imwieled Pieta', fit-30 ta' Ottubru, 1974, detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 527774(M).

Illum, 7 ta' Marzu, 2018

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant Reuben Buttigieg quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli ghan-nom u in rapprezentanza ta' ULL23922 Limited u/jew bhala persuna registrata mal-Kummissarju tat-Taxxi skont l-Att ta' l-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Att Nru. XXIII ta' l-1998) u regolamenti maghmula bis-sahha ta' l-istess Att, naqas sal-hmistax-il jum tat-tieni xahar li jigi wara l-ahhar jum li fih intemmu z-zminijiet ta' taxxa relattivi li jibghat lill-

Kummissarju tat-Taxxi (1) id-denunzji, flimkien mal-hlas dovut, li saru dovuti fil-perjodi li ntemmu fil-31 ta' Marzu 2013 u dan bi ksur tal-artikolu 30, 66, 76(c) u 76(d) ta' l-Att XXIII ta' l-1998.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija:

(i) Tinfliggi l-piena skont il-ligi; jew
(ii) Minbarra li tinfliggi l-piena skont il-ligi fuq talba tal-prosekuzzjoni tordna lill-imputat jikkonforma ruhu mal-ligi fi zmien bizzejjed biex ikun jista' jaghmel dan, liema zmien m'ghandux jeccedi tlett xhur, taht multa ta' hames euro ghal kull jum li dak in-nuqqas ikompli wara li jghaddi l-imsemmi zmien moghti mill-Qorti.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tas-16 ta' Gunju, 2016 fejn il-Qorti wara li rat l-artikoli 30, 66, 76(c) u 76(d) tal-Kapitolu 406 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputat hati ta' l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u ikkundannatu multa ta' sebgha mitt euro (€700). Peress li llum l-imputat n'ghadux jirraprezenta s-socjeta' ULL23922 Limited, l-Qorti mhiex ser timpani terminu u multa addizjonali.

Rat ir-rikors tal-appellant Reuben Buttigieg ipprezentat fit-23 ta' Gunju, 2016 fejn talab li din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fl-ismijiet premessi, deciza fis-16 ta' Gunju, 2016 u dan billi tirrevoka s-sentenza appellata u tillibera lill-imputat minn kull imputazzjoni u htija, salvi provvedimenti opportuni.

Rat l-aggravji tal-appellant u cioe':-

Illi l-ewwel Onorabbli Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-provi prodotti mill-esponenti.

Illi fil-fatt fis-sentenza moghtija, l-ewwel Onorabbli Qorti irreferiet ghall-korrispondenza ezebita mill-esponenti, fejn erronjament assumiet illi Gianfranco Capozzi kien xi hadd relatat mal-azzjonisti ta' ULL23922 Limited. Dan mhuwiex minnhu. Fil-fatt, Gianfranco Capozzi kien

impjegat ta' kumpannija tal-esponenti u kien qed jintalab li jsiru ir-rizenji relattivi. Ghalhekk, din ma kienetx korrispondenza mal-azzjonisti barranin izda kien wiehed mill-passi li l-esponenti kien qed jiehu sabiex jigu effetwati ir-rizenji.

Illi kien ghalhekk illi lil Gianfranco Capozzi ma kienx qed jitolbu informazzjoni ultli ai fini ta' kompilar tad-denunzja. Illi Gianfranci Capozzi kien impjegat ta' kumpanija tal-esponenti u meta talbu sabiex jigu effetwati ir-rizenji necessarji, l-esponenti kien diga ghamel diversi tentattivi inutili sabiex jottjeni l-informazzjoni mal-azzjonisti izda ovvjament baqa b'xejn.

Illi lanqas ma huwa minnu li l-esponenti kien ghadu f'kuntatt ma' Tuisto 179 Limited sat-2 ta' Mejju, 2013. Illi l-Ewwel Onorabbli Qorti ibbazat ir-ragunament taghha fuq il-fatt illi sat-2 ta' Mejju, 2013, l-azzjonisti ta' ULL23922 Limited kienu Tuisto 179 Limited u RBG Fiduciary Services Limited. Fit-3 ta' Mejju, 2013, kien sar share transfer agreement u ghalhekk l-ewwel Onorabbli Qorti assumiet li l-esponenti kien ghadu f'kuntatt ma' Tuisto 179 Limited sabiex sar is-share transfer. Pero` il-kuntratt bejn il-partijiet kien jistipula fost affarijiet ohra, illi f'kaz li jkun hemm telfien ta' komunikazzjoni bejn il-partijiet, l-esponenti jkollu d-dritt awtomatiku li jitrasferixxi l-ishma ghal fuq l-azzjonisti l-ohrajn, kif fil-fatt sar, u ghalhekk tali *share transfer* mhux talli ma jindikax illi kien ghad hemm xi forma ta' komunikazzjoni ghaddejja ma Tuisto 179 Limited, tali dan is-share transfer sehh proprju minhabba li ma kienx hemm komunikazzjoni mal-azzjonisti primarji ta' ULL23922 Limited.

It-tieni aggravju jitratta l-fatt illi l-Ewwel Onorabbli Qorti hasset illi l-esponenti seta' jipprezenta d-denunzja a bazi tal-informazzjoni li kellu meta l-esponenti kien jaf illi dan kien ser iwassal ghal dikjarazzjoni skorretta.

Illi kif intqal ripetutament, l-esponenti kien tilef kull forma ta' komunikazzjoni mal-azzjonisti tal-kumpanija u ghalhekk ma kellu ebda informazzjoni li fuqha setgha jibghat id-denunzja. Mill-banda l-ohra pero` mill-website tal-kumpanija ULL23922 Limited kien hemm indikazzjoni li kien qed isir xi tip ta' negozju.

Illi f'tali sitwazzjoni, l-esponenti ma setghax jibghat denunzja li tindika li ma sar ebda kummerc meta l-esponenti kien qed jara li xi forma ta' negozju kien qed isir ghalkemm ma kellu ebda indikazzjoni ta' valuri.

Illi l-esponenti kien f'sitwazzjoni li jew jibghat denunzja b'informazzjoni skorretta, bil-konsegwenzi serji li dawn kienu jwasslu lill-esponenti fihom, inkella ma jipprezentax id-denunzja, minhabba li ma kellux informazzjoni u jirrizenja minn kull kariga jew kull forma ta' rapprezentanza tas-socjeta` ULL23922 Limited, u l-esponenti hass li din kienet l-ahjar triq li setgha jaghzel.

Illi pero` rrizulta car illi l-esponenti, bl-ebda mod ma ried jimxi kontra l-ligi u certament ma kienx ghal xi raguni kappriccuza li d-denunzja ma baghtiex. Id-denunzja ma intbaghtietx ghax certament, ma setghax jaqbad u jivvinta l-figuri u jaqbad u jibghat id-denunzja. Ghalhekk din ma kienetx sitwazzjoni fejn l-esponenti ma kienx jimpurtah jew ma riedx jottempera ruhu mal-obbligi legali tieghu li jibghat id-denunzja fit-terminu moghti lilhu izda fil-pozizzjoni li kien jinsab fiha, kien impossibbli ghalih li fil-fatt jonora l-obbligu li jipprezenta denunzja korretta.

Illi barra minn hekk, l-esponenti xehed bil-gurament ukoll li kien inghata parir minn Dr Frank Borg mid-Dipartiment tal-Vat inniffsu sabiex meta jircievi d-denunzji fiskali relattivi, huwa jibghathom lura vojta lid-dipartiment, haga li fil-fatt huwa beda jaghmel.

It-tielet aggravju huwa li l-esponenti ma kellux jinsab hati li naqas li jipprezenta d-denunzja meta kien impossibbli ghalih li jibghat id-denuznja fic-cirkostanzi li kien jinsab fihom.
Illi l-esponenti ma kellux jinstab hati li ma pprezentax id-denunzja fit-terminu moghti lilhu meta mill-provi prodotti irrizulta ampjament ippruvat minn-naha tieghu illi huwa ma setghax jipprezenta denunzja korretta f'dak il-mument, u ghadu fl-istess sitwazzjoni sa llum.

Illi f'dan ir-rigward jigi rilevat illi fis-sentenza Il-Pulizija (Spettur Ramon Mercieca) vs Hector Spiteri deciza fis-6 ta' Frar, 2014, Il-Qorti tal-Magistrati Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kienet iddecidiet hekk:

*"Jidher li l-beneficial owner tal-kumpanija waqqaf il-kuntatt mieghu ghalhekk l-imputat hass li ma kellu ebda ghazla hlief li jirrizenja mill-kariga tieghu ta' direttur.*

*Illi f'dawn ic-cirkostanzi jidher li l-imputat ghamel dak kollu li seta biex is-socjeta` Akam Limited tottempera ruhha mal-Ligi ai termini tal-artikolu 82(1) tal-Kapitolu 406.*

*Ghal dawn il-motivi l-Qorti ma ssibx lill-imputat hati ta' l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u tilliberah minnha."*

Illi ghalhekk huwa evidenti li anke fil-kaz odjern, la darba l-beneficial owner ma kienx qed jghaddi l-informazzjoni rikjesta lill-esponenti sabiex jipprezenta d-denunzja, u konsegwentement l-esponenti ma kienx f'posizzjoni li jipprezenta d-denunzja skont il-ligi, allura anke huwa kellu jigi liberat mill-akkuzi migjuba kontra tieghu.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi minn analizi tas-sentenza tal-ewwel Qorti jirrizulta li Gianfranco Capozzi hi xi persuna barranija. Mill-provi prodotti jirrizulta li din il-persuna hi mpjegata mal-appellant u ma ghandha xejn x'taqsam mas-socjeta' hawn fuq imsemmija.

Illi fit-tieni lok l-appellant xehed li hu ma riedx jissottometti denunzja b'informazzjoni skorretta li kienet iggib ir-rizultat li d-dipartiment ikollu jirrifondi xi flus lis-socjeta' imsemmija. Hu kien jaf li s-socjeta' kienet qed jopera, ma kellhux kontroll fuq l-operat taghha u ghalhekk ha d-decizjoni biex ma jipprezentax denunzja li hu kien jaf li ma kinitx korretta u skont il-ligi.

Illi l-appellant kellem lill-azzjonisti u talabhom biex ituh l-informazzjoni necesarja ghas-sottimissjoni tad-denunzja izda hu ma rcieva ebda risposta ghad-domandi tieghu.

Illi hu car li l-appellant ghamel dak kollu li setgha biex jottempera ruhu mal-ligi izda ma sab ebda ko-operazzjoni tal-azzjonisti esteri.

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijjiet din il-Qorti qed tilqa l-appell ta' Reuben Buttiegieg. Thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u tehles l-appellant minn kull htija u piena.